DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR210804** **29.04.2021**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI**

***Insaħħu lill-Ħaddiem: Inkomplu ntejbu l-ambjent għall-edukaturi tagħna***

**Investiment ta' madwar €125,000 fuq manutenzjoni u tisbiħ matul l-għeluq tal-iskejjel fi żmien l-Għid**

"Il-ħidma kbira li għaddejja mill-Ministeru għall-Edukazzjoni mhux biss biex insaħħu l-livell professjonali tal-edukaturi tagħna, mhux biss biex insaħħu l-mezzi ta' tagħlim u l-kurrikulu, imma wkoll billi nibqgħu ntejbu l-ambjent li fih tingħata l-edukazzjoni mill-edukaturi lill-uliedna", stqarret il-Ministru għall-Edukazzjoni Justyne Caruana.

Il-Ministru Caruana kienet qed iżżur lill-amministrazzjoni u edukaturi fl-Iskola Primarja SS tal-Ħamrun, parti mill-Kulleġġ San Ġorġ Preca. Skola żgħira, imma li għandha amministrazzjoni u edukaturi dedikati ħafna fix-xogħol tagħhom.

Fil-jiem li l-iskejjel kienu magħluqin minħabba l-miżuri li ttieħdu marbuta mal-pandemija u matul il-vaganzi tal-Għid, kif sar fi skejjel madwar il-pajjiż, f'din l-iskola wkoll ittieħdet l-okkażjoni biex isir titjib fl-ambjent billi sar xogħol kbir ta' manutenzjoni u tisbiħ. Il-Gvern bħalissa, parallel ma' dan ix-xogħol, għaddej b'investiment massiċċ ta' €50 miljun fis-settur edukattiv ta' uliedna fuq livell infrastrutturali.

"Hemm skejjel li qed nibnuhom mill-ġdid, hemm oħrajn li qed nibnu estensjonijiet, imma hemm skejjel li minħabba raġunijiet diversi, ma nistgħux nagħmlu dan u għalhekk irridu ntejbu l-ambjent tagħhom billi nagħtuhom dehra ġdida, kif qed nagħmlu f'din l-iskola. L-iskejjel huma t-tieni dar tal-edukaturi u għalhekk qed nagħmlu dak kollu possibbli biex din id-dar ikollha l-ambjent li jixraq għall-edukaturi u wkoll għall-istudenti tagħna", kompliet tgħid il-Ministru Caruana.

Il-Ministru Justyne Caruana kienet milqugħa minn Jude Zammit, Prinċipal tal-Kulleġġ, u mill-Kap tal-Iskola, Johanna Cauchi, li dawwruha mal-iskola u wkoll laqqgħuha mal-edukaturi u l-ħaddiema. Is-Sa Cauchi spjegat ix-xogħol kbir li jsir b'dedikazzjoni mill-edukaturi u l-ħaddiema kollha, li jpoġġu mhux biss l-istudent fl-ewwel post, imma wkoll l-ambjent edukattiv.

Il-Ministru Caruana rringrazzjat lill-ħaddiema kollha tax-xogħol kbir li qed jagħmlu, speċjalment f'dawn iż-żminijiet tal-pandemija. Hija qalet, "Din iż-żjara hija simbolika, għaliex filwaqt li ridt niġi nżur din l-iskola partikolari, imma r-ringrazzjament tiegħi jmur għall-edukaturi kollha mxerrda mal-pajjiż".

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

Din l-iskola bħalissa tilqa' madwar 130 student, li jieħdu ħsiebhom 32 edukatur u LSAs, filwaqt li b'kollox hemm 38 ħaddiem.

Il-binja li f'parti minnha hemm din l-iskola ilha mibnija mill-1888 u mal-faċċata hemm żewġ skulturi tar-Reġina Vittorja u tal-Prinċep Albert; fil-gwerra kienet serviet bħala sptar.